**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 18 TA' GUNJU, 2002**

**Numru: 19**

**Avviz Nru: 921/02AE**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**Angela Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u erbatax-il lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm314.36), hlas ghal xogholijiet li saru fuq talba tal-konvenuta, f'Madliena Hill, Madliena bejn is-17 u l-24 ta' Gunju 1993.

Il-konvenuta kkontestat it-talba tal-Korporazzjoni peress li x-xogholijiet in kwistjoni saru ghall-beneficcju taghha u ta' propjetarji ohra.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma qeghda titlob hlas ghal xoghol li sar gewwa Madliena Hill, Madliena bejn is-17 u l-24 ta' Gunju 1993.

2. Mill-provi jirrizulta li:

- Mix-xoghol li sar ibbenefikaw residenzi ohra fl-istess triq fejn kienet toqghod il-konvenuta;
- Ix-xoghol sar mit-triq ghall-meters tar-residenzi rispettivi;
- L-ilment kien li hemm pressa baxxa. Il-konvenuta kkonfermat li kemm il-darba ma kellhiex ilma u kellha ggib l-ilma bil-bowser;

- Ir-residenti kienu lmentaw dwar dan il-fatt.

3. Il-Korporazzjoni attrici qeghda tibbaza t-talba ghall-hlas fuq il-fatt li kienet il-konvenuta li talbet sabiex isir xoghol ta' tiswija. Saret riferenza ghall-applikazzjoni ezebita a fol. 8 tal-process, u fuq liema dokument il-konvenuta gharrfet il-firma taghha. Il-Korporazzjoni qeghda tippretendi li gialadarba l-applikazzjoni ghax-xogholijiet giet iffirmata mill-konvenuta, hija ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas kollu u rrispettivament ta' fejn sar ix-xoghol.

4. Illi skond ir-regolamenti vigenti f'dak iz-zmien, jirrizulta li min jitlob li ssir tiswija f'komunikazzjoni, kellu jaghmel tajjeb ghax xogholijiet li jsiru (ara f'dan ir-rigward GN 133 ta' l-1948 kif emendata matul is-snin).

5. Mid-dokument a fol. 8 tal-process, fuq liema dokument l-Korporazzjoni qeghda tibbaza l-argument taghha li hija ghandha relazzjoni guridika biss mal-konvenuta, jirrizulta li t-talba li saret mill-konvenuta kien sabiex isir xoghol f'Villa St. George, Madliena Hill, Madliena (igifieri r-residenza taghha). Tant hu hekk li f'dik il-parti ta' l-applikazzjoni intestata: *"Post fejn Mitlub Isir ix-Xoghol"* hemm riferenza ghall-indirizz tal-

konvenuta. Minn dan id-dokument ma jirrizultax li l-konvenuta ghamlet xi talba sabiex isir xoghol konness ma' residenzi ohra.

6. Fid-dawl ta' dawn il-provi u kif ukoll fuq bazi ta' ekwita, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li l-konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghal xoghol ta' tiswija li saret in konnessjoni ma' residenzi ohra. Mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta assumiet xi responsabbilta sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha li saru f'Madliena Hill. Il-fatt li l-konvenuta setghet ghamlet ilment ma jfissirx b'daqshekk li dahlet f'xi obbligazzjoni anke fir-rigward tar-residenzi l-ohra.

7. Dwar ix-xoghol ta' tiswija li sar in konnessjoni mar-residenza tal-konvenuta, hija stess iddikjarat li kienet disposta taghmel tajjeb ghall-ispejjez.

8. Wara li t-Tribunal qies id-dokumenti WSC1 u AE1 qieghed arbitrio boni viri jiffissa s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50) bhala dovuta mill-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma u jikkundanna lill-konvenuta thallas limitatament is-somma ta'

hamsin lira Maltija (Lm50), salv u mpregudikat kwalsiasi dritt li l-Korporazzjoni jista' ghandha fil-konfront ta' terzi.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**